**MALTA**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 16 ta’ April 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Niko Zammit**
**(ID: 170193M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Niko Zammit** li ġie akkużat talli:

1. Nhar l-24 ta’ Frar 2020 għall-ħabta tat-tlieta ta’ waranofsinhar (15:00 hrs) u żminijiet ta’ qabel, ġewwa l-ħanut bl-isem ‘Esprit’, Shop Level -1, Tigne Point, Triq Tigne, Sliema u f’dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq ta’ oġġetti u ċioè erba’ (4) flokkijiet li l-valur tagħhom jeċċedi t-tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) iżda mhux il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), liema serq li sar għad-dannu tas-sidien tal-imsemmi ħanut u/jew persuna/i oħra;
2. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, meta b’sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dottor Joe Mifsud LL.D. nhar il-21 ta’ Frar 2020, fejn ġie misjub ħati ta’ reat u ġie kkundannat għal libertà bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta’ sentejn, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
3. U finalment talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu riċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tordna lill-imputat sabiex jirrestitwixxi lill-partijiet offiżi kull ħaġa minnu misruqa jew li jħallas lill-imsemmija partijiet dak l-ammont ta' flus li jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens jew ħsara oħra kaġunati u dan skont l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew Artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti tqis li għalhekk l-imputazzjonijiet gew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat ta' li tiegħu qiegħed jinstab ħati l-imputat, il-fedina penali tiegħu li minnha jirrizulta reati simili, il-koperazzjoni mal-Pulizija, il-valur tar-*res furtiva* li huwa wiehed zghir hafna, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu. Għalhekk il-Qorti se tkun qiegħda tinfliġġi piena lejn il-minimu filwaqt li thalli l-effetti tas-sentenza ta' liberazzjoni kundizzjonata jibqghu jiddekorru.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 284 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u artikoli 22 u 23 (1) (a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Niko Zammit** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' ħamsa u tletin (35) ġurnata priġunerija filwaqt li tagħżel li ma titrattax mieghu dwar il-ksur tas-sentenza ta' liberazzjoni kundizzjonata datata 21 ta' Frar 2020.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur